Mhux Biss Numru

# IL-KTEJJEB GĦALL-GĦALLIEMA *'MHUX BISS NUMRU'* PAKKETT EDUKATTIV DWAR L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL FL-EWROPA

UNHCR
The UN Refugee Agency

IOM International Organization for Migration

L-**IOM** taqbel mal-prinċipju li meta l-immigrazzjoni sseħħ għal raġunijiet umanitarji u bil-għaqal, igawdu minnha kemm l-immigranti, kif ukoll is-soċjetà. Bħala entità intergovernattiva, l-IOM taħdem id f'id mal-imsieħba tagħha madwar id-dinja bl-għan li tgħin fl-isfidi li ġġib magħha l-immigrazzjoni; tgħinna nifhmu aktar kwistjonijiet marbuta mal-immigrazzjoni; tħeġġeġ l-iżvilupp soċjali u ekonomiku bis-saħħa tal-immigrazzjoni; u taħdem b'risq id-dinjità umana u l-ġid tal-immigranti.

Il-**UNHCR** hi organizzazzjoni umanitarja mhux politika. L-għan ewlieni tagħha hu li tħares id-drittijiet u d-dinjita' tar-refuġjati. Tistinka wkoll biex tara li kulħadd ikun jista' jħaddem id-dritt li jitlob kenn (ażil) u li jingħata refuġju xieraq fi stat ieħor. Meta nitkellmu dwar il-ħarsien tar-refuġjat qed nifhmu wkoll li l-pubbliku jagħraf x'jiġifieri tkun refuġjat. Importanti li niftakru li r-refuġjati mhumiex ta' theddida. Fis-sewwa, kienu huma stess li spiċċaw mhedda. Għal madwar sittin sena, il-UNHCR għenet lil madwar 50 miljun ruħ jibdew jgħixu mill-ġdid.

## IPPUBBLIKAT MINN

IOM
Rue Montoyer 40
B-1000 Brussels
Il-Belġju

UNHCR
Rue Van Eyckstraat 11B
B-1050 Brussels
Il-Belġju

© IOM/UNHCR 2009
Dan il-materjal hu kopert mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar id-Drittijiet ta' l-Awtur

ISBN 978-92-9068-503-6

## ĦAJR

Id-DVD u l-Ktejjeb tħejjew mill-IOM u l-UNHCR bħala parti minn proġett iffinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-Fond Ewropew għar-Refuġjati għall-2006.

***ID-DVD***

***Miktub, miġbud u dirett minn*** Florence Aigner, Simon Arazi, Valérie Berteau, François Ducat, Laurent Van Lancker u Philippe Witjes ***Editjat minn*** Simon Arazi ***Korrezzjoni tal-kulur minn*** Stéphane Higelin ***Sound mixing minn*** Sylvain Geoffroy ***Postproduzzjoni ta' Polymorfilms u Triangle 7***

***Adelina:*** Ma' Adelina, Albina, Elmaze, Muhamed u l-familja f'Gjilan, Durgut u Kadrije
Ritratti u ħsejjes fil-Kosovo: Adelina u Albina

Ħajr lil Vania Ramirez, il-familja sħiħa ta' Adelina u Johnny, l-Uffiċċju għar-Relazzjonijiet Pubbliċi tal-Université Libre de Bruxelles.

***Tino:*** Ma' Tino

Ħajr lil Giovani Orlandi, Le Musée de la Mine ta' Bois-De-Luc, L'Ecomusée ta' Bois-De-Luc u lill-editur Alan Sutton talli ppermetta li jintużaw ritratti mill-ktieb 'Le Centre', le café du théatre de La Louvière.

***Alfredo u Veronica:*** Ma' Alfredo u Veronica

***Doré:*** Ma' Doré u Frauke

Ħajr lil Frauke Scheller, Team Chakal

Ritratti oħrajn minn "Comme un lundi" © Philippe Witjes 2004.

***Rean:*** Ma' Rean u Kehan
Ritratti oħrajn minn Guillaume Van den Berghe
Ritratti oħrajn miċ-ċentru għar-refuġjati 'Le petit Château' © Rean u ©Polymorfilms/PTTL
Ritratti oħrajn minn 'Surya' © Polymorfilms
Ritratti oħrajn mit-teatru © Cinétroupe

Ħajr lil Tommy u Akram.

Nixtiequ niżżu ħajr lil dawk kollha li ħadu sehem fil-ġbid tal-filmati bil-każijiet fid-DVD.

***IL-KTEJJEB***

***Espert Estern fil-pedagoġija*** Mounir Zarour
***Disinn grafiku ta'*** Deniz Kazma
***Traduzzjoni ta'*** ViaVerbia, IOM/UNHCR
***Stampat f'*** Impression Snel

***Ritratti: Bagalja:*** ©Kosaeva ***p.*** 22 ***Xray:*** ©AFP/ Ho ***p.*** 22, 35 ***Dgħajsa:*** ©UNHCR / L. Boldrini ***p.*** 22, 35 ***Ħolma:*** ©Florian/ Transparency/Photovoice ***p.*** 29 ***Friġġ Battala:*** ©Tatiana/Transparency/Photovoice ***p.*** 22, 30 ***Ħabibi:*** ©Hawdin/Transparency/ Photovoice ***p.*** 22, 29 ***Punt interrogattiv:*** ©Florian/ Transparency/Photovoice ***p.*** 22, 29

***Ħajr speċjali lil*** Anne Bathily, 2bouts asbl (Foued Bellali), Deborah Benarrosch, Mado u Sacha.

***It-tim ta' Polymorfilms:***
Florence Aigner, Simon Arazi, Valérie Berteau, François Ducat, Laurent Van Lancker u Ilse Wijnen

***Reviżjoni tad-DVD u l-Ktejjeb minn*** Ailsa Jones (IOM), Tamara Keating (IOM)
Vanessa Saenen (UNHCR) and Annabelle Roig (UNHCR)



UNHCR The UN Refugee Agency
IOM International Organization for Migration

Mhux Biss Numru

# IL-KTEJJEB GĦALL-GĦALLIEMA
# *'MHUX BISS NUMRU'*
# PAKKETT EDUKATTIV DWAR L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL FL-EWROPA

**DAĦLA** 5

**X'NIFHMU B'**
**IMMIGRAZZJONI U AŻIL** 6
- ĦARSA FUQ FUQ 7
- DEFINIZZJONIJIET EWLENIN 9

**KIF TUŻA L-PAKKETT**
***'MHUX BISS NUMRU'*** 11
- ID-DVD *'MHUX BISS NUMRU'* 12
- TAĦRIĠ KREATTIV 12
- ĦIN 13
- ETAJIET 13
- TERMINOLOĠIJA 13

**TAĦRIĠ KREATTIV** 14

**TAĦRIĠ EWLIENI: L-IMMIGRAZZJONI U**
**L-AŻIL FL-EWROPA (KULL ETÀ)** 15
- IL-FILM PRINĊIPALI FID-DVD *'MHUX BISS NUMRU'* 16
- RAKKONT TA' STORJA JEW IL-LOGĦBA TAL-OPINJONI 20

**TAĦRIĠ TEMATIKU** 25
- IL-ĦADDIEMA IMMIGRANTI (ETÀ 15-18) 26
- IL-MINURI MHUX AKKUMPANJATI (ETÀ 12- 14) 28
- L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL FIL-MEZZI TAX-XANDIR (KULL ETÀ) 31
- IT-TRAFFIKAR U L-KUNTRABANDU (ETÀ 15 - 18) 33

**KUNTATTI** 37

# DAĦLA

'*Mhux Biss Numru*' huwa pakkett dwar l-immigrazzjoni u l-ażil (talba għall-kenn) fl-Unjoni Ewropea mfassal biex jgħin lill-għalliema u lil edukaturi oħrajn iħeġġu liż-żgħażagħ jiddiskutu s-suġġett b'mod infurmat. Dan il-ktejjeb hu addattat għal żgħażagħ ta' bejn it-12 u t-18-il sena.

L-importanza soċjali u politika ta' kwistjonijiet marbuta mal-immigrazzjoni u l-ażil kompliet tikber matul dawn l-aħħar għoxrin sena, li matulhom, id-dinja rat żieda globali fl-għadd ta' immigranti u persuni jitolbu kenn u refuġju. Fl-istess ħin, komplew jitilgħu fil-wiċċ problemi ta' diskriminazzjoni, ksenofobija u r-razzimu, li ħafna drabi joħolqu tensjonijiet fost il-komunitajiet.

Minħabba li s-soċjetajiet Ewropej qed isiru aktar multikulturali, jeħtieġ li nqajmu kuxjenza dwar il-bosta raġunijiet li minħabba fihom in-nies jagħżlu li jew ikunu mġiegħla jitilqu minn pajjiżhom. Dan jista' jgħinna nippromwovu r-rispett għad-diversità filwaqt li nħeġġu l-għaqda fis-soċjetà. B'mod partikulari, hemm bżonn li jinxtered aktar tagħrif fost iż-żgħażagħ, li huma dawk li għada pitgħada jridu jieħdu d-deċiżjonijiet, imma li l-opinjonijiet tagħhom dwar l-immigrazzjoni u l-ażil mhux dejjem jissejsu fuq informazzjoni fattwali u bbilanċjata.

Minħabba f'hekk, l-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Immigrazzjoni (IOM) u l-Kummissarju Għoli tal-Ġnus Magħquda għar-Refuġjati (UNHCR) issieħbu sabiex iħejju u jxerrdu dan il-pakkett edukattiv ġdid. L-għan tiegħu huwa li joħloq dibattitu miftuħ u infurmat dwar dawn il-kwistjonijiet importanti u kumplessi.

Dan il-pakkett jipprovdi liż-żgħażagħ l-opportunità li jifhmu li wara kull statistika anonima dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, hemm wiċċ ta' bniedem u storja personali.

Mhux Biss Numru

# X'NIFHMU B' IMMIGRAZZJONI U AŻIL

- ĦARSA FUQ FUQ
- DEFINIZZJONIJIET EWLENIN

# ĦARSA FUQ FUQ

## Daħla

Matul iż-żmenijiet, il-bnedmin iċċaqalqu minn post għal ieħor, ħafna drabi sabiex itejbu l-livell ta' għajxien tagħhom, jagħtu opportunitajiet aħjar lill-familji tagħhom u lil uliedhom, jaħarbu mill-faqar, jew jaħarbu mill-persekuzzjoni, l-instabbiltà u l-gwerra. Il-kwistjonijiet marbuta mal-immigrazzjoni u l-ażil qed isiru dejjem aktar parti minn ħajjitna minħabba li s-soċjetà Ewropea li ngħixu fiha qed issir aktar multikulturali u diversa, sitwazzjoni li qed iġġib magħha kemm sfidi kif ukoll tisħiħ għas-soċjetà. Imma kemm tassew nifhmuhom dawn il-kwistjonijiet u għaliex huma importanti? Fil-ftit paġni li ġejjin, nixtiequ niddefinixxu l-kunċetti ewlenin u nfissru l-kwistjonijiet prinċipali marbutin mal-immigrazzjoni u l-ażil fl-Unjoni Ewropea.

## L-Immigrazzjoni u l-Ażil fl-UE

### Kuntest

Storikament, l-Ewropa kienet kontinent ikkaraterizzat b'emigrazzjoni qawwija, b'mod partikulari matul is-sekli 18 u 19, meta mewġiet sħaħ ta' nies ħallew l-Ewropa biex ifittxu ħajja ġdida (fosthom l-emigrazzjoni lejn il-Kontinent Amerikan jew il-kolonji Ewropej).

Wara t-Tieni Gwerra Dinjija, kellhom jingħataw l-għajnuna bosta refuġjati u persuni oħrajn li spiċċaw imferrxin 'l hawn u 'l hinn minħabba dan il-kunflitt. Uħud minnhom bdew jgħixu f'pajjiżi Ewropej oħrajn, filwaqt li oħrajn tbiegħdu aktar u bdew jgħixu fl-Amerka ta' Fuq u ta' Isfel u fl-Awstralja fejn kienu meħtieġa ħaddiema immigranti.

Matul is-snin tal-Gwerra Bierda kien għad hemm refuġjati mill-Ewropa tal-Lvant li bdew ifittxu kenn fl-Ewropa tal-Punent, li fl-istess ħin kienet saret destinazzjoni għal kategoriji oħrajn ta' nies. Għall-ewwel, l-immigrazzjoni kienet qed isseħħ minħabba skemi mnedija bejn l-1950 u l-1960, li bis-saħħa tagħhom, kienu qed jiddaħħlu ħaddiema immigranti sabiex jgħinu fil-bini mill-ġdid tal-Ewropa wara l-gwerra. F'xi pajjiżi Ewropej, kienet qed isseħħ ukoll forma ġdida ta' immigrazzjoni - dik minn kolonji jew ekskolonji fl-Asja u fl-Afrika. Fis-snin ta' wara, kienu qed jiżviluppaw forom aktar ġodda ta' immigrazzjoni fejn in-nies kienu qed jaslu minn kull parti tad-dinja u għal raġunijiet varji. Matul is-snin sebgħin, tmenin u disgħin waslu kwantitajiet kbar ta' refuġjati u persuni oħrajn jitolbu l-kenn wara li ħarbu minn ħafna pajjiżi madwar id-dinja minħabba kunflitti jew abbużi mid-drittijiet tal-bniedem. Matul is-snin disgħin, bil-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin, bdew il-kuntrabandu u t-traffikar tal-persuni li ġabu mewġiet ta' immigranti u refuġjati b'mod irregolari u ħafna drabi mill-aktar vulnerabbli. Hekk kif l-Unjoni Ewropea bdiet issaħħaħ bil-mod il-kontroll tal-fruntieri esterni tagħha, beda jsir aktar diffiċli għar-refuġjati u l-immigranti li jidħlu l-Ewropa. Illum il-ġurnata, l-immigranti u r-refuġjati jkollhom jaqbdu toroq oħrajn - ħafna drabi aktar imwiegħra - sabiex jidħlu fl-UE.

Illum, ħafna minn dawk li jaslu fl-Unjoni Ewropea jidħlu jew bħala ħaddiema immigranti li jiġu biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' ħaddiema u jsibu opportunitajiet ekonomiċi aħjar, jew sabiex jingħaqdu mal-familja tagħhom. Id-demografija dejjem tinbidel tal-UE wasslet sabiex analisti u osservaturi jissuġġerixxu li minħabba li l-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ u l-għadd ta' twelidijiet għadu baxx, il-pajjiżi tal-UE se jkollhom bżonn jistrieħu dejjem aktar fuq l-immigrazzjoni sabiex isostnu t-tkabbir ekonomiku.

Ħafna mill-ħaddiema immigranti, jagħmlu xogħol li ma jirrikjedix sengħa kbira u li n-nies tal-post ma jridux jagħmluh. Min-naħa l-oħra, jistgħu jitqabbdu ħaddiema immigranti mill-aktar ikkwalifikati sabiex jaħdmu f'oqsma li fihom hemm nuqqas ta' ħaddiema fil-pajjiż.

Illum il-ġurnata l-immigranti jidħlu wkoll fl-Ewropa għal bosta raġunijiet, fosthom biex jistudjaw jew minħabba turiżmu. Dawn jistgħu joqogħdu għal żmien twil jew qasir jew jistgħu jiddeċiedu li jibqgħu għal dejjem. Fl-istess ħin, xi pajjiżi Ewropej jibqgħu jilqgħu fosthom refuġjati u persuni oħrajn li qed jitolbu kenn u li qed jaħarbu mill-persekuzzjoni u l-gwerra filwaqt li joffrulhom protezzjoni.

### Immigrazzjoni irregolari

Ir-raġunijiet li għalihom isseħħ l-immigrazzjoni legali fl-UE huma ftit. Għal dawk li ma jikkwalifikaw għall-ebda skema mnedija (fosthom dik ta' ħruġ ta' viża għal ħaddiema immigranti) imma li xorta għandhom ħtieġa qawwija li jemigraw minħabba raġunijiet ekonomiċi, soċjali jew oħrajn, l-immigrazzjoni irregolari taf tidher bħala l-unika għażla. Ħafna drabi, l-immigranti li jkunu jixtiequ jidħlu fl-Ewropa, jispiċċaw jidħlu fl-UE b'mod legali (ngħidu aħna bħala turisti jew studenti), imma mbagħad ma jitilqux malli tiskadilhom il-viża jew il-permess tad-dħul. Oħrajn, li ma jkunux jistgħu




jidħlu b'dan il-mod, qed jinqdew b'metodi dejjem aktar perikolużi bit-tama li jaslu fl-Ewropa. Fost il-metodi komuni magħżula mill-immigranti biex jidħlu fl-UE b'mod irregolari hemm jew li jaqsmu l-Baħar Adrijatiku jew Mediterran fuq dgħajjes, jew li jaqbżu l-fruntieri min-naħa tal-Ewropa tal-Lvant ngħidu aħna billi jinħbew fi trakkijiet.

Qabel ma jibdew il-vjaġġ tagħhom, l-immigranti irregolari ħafna drabi ma jkunux konxji għall-kollox tal-perikli u l-kundizzjonijiet li fihom ikollhom jivvjaġġaw jew tar-realtajiet li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom hekk kif jaslu. Għal xi wħud, xorta lesti jirriskjaw u jivvjaġġaw lejn l-Ewropa b'mod irregolari, bit-tama li jsibu ħajja aħjar.

Dan l-aħħar, Stati Membri tal-UE qagħdu ħafna attenti biex jevitaw l-immigrazzjoni irregolari u jsaħħu l-kontroll tal-fruntieri. Dan wassal biex ċerti kritiċi jittimbraw lill-UE bħala 'Ewropa Fortizza', billi sostnew li l-kontrolli huma sproporzjonati meta mqabbla mas-sitwazzjoni. Barra minn hekk, ħafna jargumentaw li dawn il-kontrolli ma jħallux lil min qed jitlob kenn jew refuġju - individwi li jeħtieġu protezzjoni internazzjonali - milli jingħataw ażil fl-UE.

## Immigrazzjoni mħallta

Bosta refuġjati jew persuni oħrajn li qed jitolbu kenn qed isibuha dejjem aktar iebsa li jidħlu fl-UE u allura qed ikollhom jivvjaġġaw mill-istess rotot perikolużi li jieħdu l-immigranti irregolari. Għal xi wħud dan jista' jkun l-uniku mezz kif jistgħu jaħarbu mill-gwerra jew mill-persekuzzjoni. Minkejja li l-immigranti, il-persuni li qed jitolbu kenn u r-refuġjati ħafna drabi qed jużaw l-istess mezzi biex jidħlu fl-UE, il-persuni li qed jitolbu kenn u r-refuġjati għandhom ħtieġa speċifika ta' protezzjoni.

## Politika dwar l-immigrazzjoni

Fl-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri għandhom il-poter li jfasslu r-regoli tagħhom dwar l-immigrazzjoni, u dawn ivarjaw bil-bosta minn pajjiż għal ieħor. Madanakollu, fuq livell ta' UE, jeżistu ċerti prinċipji komuni dwar l-immigrazzjoni u li jkopru l-Istati Membri kollha, jew il-biċċa l-kbira tagħhom. Dawn il-prinċipji dwar l-immigrazzjoni tfasslu b'mod partikulari bil-għan li jintlaħqu l-isfidi marbuta mat-tkabbir ekonomiku u n-nuqqas ta' ħaddiema fis-suq tax-xogħol. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-immigranti u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni irregolari (b'mod partikulari l-esplojtazzjoni, it-traffikar u l-kuntrabandu tal-bnedmin) huma ta' importanza ewlenija.

## Politika dwar l-ażil

L-Istati Membri tal-UE qed jagħrfu dejjem aktar il-ħtieġa li jikkoperaw bejniethom dwar kwistjonijiet marbuta mal-ażil biex b'hekk jindirizzaw l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom u jipprovdu l-protezzjoni lil dawk il-persuni li jeħtiġuha. Bis-saħħa ta' dan, intlaħaq ftehim dwar l-ewwel ġabra ta' liġijiet li jistabbilixxu livelli minimi biex b'hekk ittieħdu l-ewwel passi fil-ħidma b'risq sistema komuni Ewropea dwar l-ażil (bejn l-1999 u l-2005). Il-mira tal-UE issa hi li twaqqaf sistema komuni sal-2012. L-għan aħħari fuq livell ta' UE hu li tiżgura li r-refuġjati jkunu jistgħu jingħataw il-protezzjoni li jeħtieġu skont kundizzjonijiet komuni fost l-Istati Membri kollha.

## X'iwassal biex persuna temigra jew titlob kenn

Kull fattur li b'xi mod iġiegħel persuna titlaq minn pajjiżha jew minn fejn toqgħod, ġeneralment ikun negattiv. Ngħidu aħna kunflitti, persekuzzjoni, instabbiltà politika, nuqqas ta' ugwaljanza soċjali u opportunitajiet ekonomiċi ħżiena. Min-naħa l-oħra jista' jkun hemm fatturi aktar pożittivi li jħeġġu lin-nies jemigraw fosthom livell aħjar ta' għajxien u ta' xogħol, opportunitajiet edukattivi aħjar, riunifikazzjoni tal-familja jew inkella libertà u sigurtà akbar fil-pajjiż il-ġdid.

L-Unjoni Ewropea hi destinazzjoni li tiġbed lill-immigranti u lir-refuġjati għal bosta raġunijiet fosthom minħabba opportunitajiet ekonomiċi u ta' karriera aħjar, livell aħjar ta' edukazzjoni u saħħa u r-rispett tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Xi kultant, l-immigranti u r-refuġjati jiskopru li r-realtà ta' meta jaslu fl-Ewropa hi differenti minn dik li stennew li se jsibu. L-immigranti u r-refuġjati jafu jsibuha bi tqila biex jintegraw u jaddattaw ruħhom għal kulturi u lingwi differenti jew li jgħixu 'l bogħod mill-familji tagħhom. Għal oħrajn, l-Ewropa toffri kwalità ta' ħajja jew sigurtà li ma jistgħux isibu f'art twelidhom u għaldaqstant jaraw il-futur tagħhom fl-Ewropa, minkejja d-diffikultajiet li jistgħu jħabbtu wiċċhom magħhom bħala barranin. Il-kwistjonijiet marbutin mal-aċċettazzjoni u l-integrazzjoni tal-immigranti joffru sfidi dejjiema li jitolbu minn dak li jkun il-ħila li jifhem u jagħraf dejjem aktar għala l-persuni jemigraw u minn fejn ġejjin.

Sabiex ngħinu lill-għalliema u lill-edukaturi jużaw dan il-pakkett, fit-taqsima li jmiss inkludejna lista ta' definizzjonijiet ewlenin tat-terminoloġija mħaddma fl-oqsma tal-immigrazzjoni u l-ażil.

## DEFINIZZJONIJIET EWLENIN[1]

### Detenzjoni

Restrizzjoni tal-libertà ta' moviment tal-individwu permezz ta' priġunerija imponuta mill-awtoritajiet governattivi. Jeżistu żewġ tipi ta' detenzjoni: detenzjoni kriminali, li għandha l-għan li tikkastiga l-persuna għall-att kriminali mwettaq; u detenzjoni amministrattiva, li tiggarantixxi l-possibbiltà li tista' tittieħed miżura amministrattiva oħra, fosthom it-tkeċċija mill-pajjiż. F'bosta pajjiżi, l-immigranti irregolari huma suġġetti għal detenzjoni amministrattiva, minħabba li ma jikkonformawx mal-liġijiet dwar l-immigrazzjoni. F'bosta pajjiżi, persuna tista' tinżamm detenuta sakemm jiġi deċiż l-istat tagħha ta' refuġjat jew sakemm tiġi aċċettata fil-pajjiż jew titkeċċa mill-pajjiż.

### Espulsjoni

Azzjoni mwettqa minn awtorità tal-Istat bil-ħsieb u biex tassigura li titkeċċa, persuna kontra r-rieda tagħha mit-territorju ta' dak l-istat.

### Immigrant

It-terminu immigrant normalment jintuża biex jiddeskrivi lil xi ħadd li jiddeċiedi minn jeddu li jmur f'reġjun jew pajjiż ieħor, x'aktarx biex itejjeb il-qagħda materjali jew soċjali tiegħu u jsaħħaħ il-prospetti għalih u għall-familja tiegħu. Il-persuni jemigraw ukoll għal raġunijiet oħrajn.

### Immigrant irregolari

It-terminu immigrant irregolari jintuża biex jiddeskrivi persuna li m'għandhiex l-istatus legali jew id-dokumenti neċessarji biex tkun tista' tidħol jew tgħix f'pajjiż. Ngħidu aħna, meta persuna tidħol f'pajjiż mingħajr passaport jew dokumenti validi oħrajn meħtieġa, jew meta persuna ma tissodisfax ir-rekwiżiti amministrattivi sabiex tkun tista' tidħol f'pajjiż jew toħroġ minnu.

### Immigrazzjoni Ekonomika

It-terminu immigrazzjoni ekonomika ħafna drabi jintuża flimkien mat-terminu immigrazzjoni għal xogħol; madanakollu, dan it-terminu għandu tifsira usa' u jista' jinkludi l-immigrazzjoni li ssir bl-għan li titjieb il-kwalità tal-ħajja f'termini soċjali u ekonomiċi. L-immigrazzjoni ekonomika tista' tkun regolari jew irregolari.

### Immigrazzjoni għal Xogħol

It-terminu immigrazzjoni għal xogħol tapplika għal dawk l-individwi li jiċċaqalqu minħabba x-xogħol. Kull politika dwar l-immigrazzjoni għax-xogħol tapplilka kriterji ekonomiċi stretti msejsa fuq il-ħtiġijiet tax-xogħol fil-pajjiż ikkonċernat. Fl-UE qed jiżdiedu aktar il-pajjiżi li qed iħaddnu politika dwar l-immigrazzjoni msejsa fuq sistema ta' punti biex b'hekk iħeġġu biss l-immigrazzjoni ta' ħaddiema tas-sengħa ta' livell għoli. Barra minn hekk, ċerti pajjiżi issa qegħdin jippruvaw jirrestrinġu d-dħul ta' ħaddiema mhux daqshekk tas-sengħa minn pajjiżi mhux fl-UE.

### Integrazzjoni

B'integrazzjoni nifhmu l-proċess li bih l-immigranti u r-refuġjati jiġu aċċettati fis-soċjetà. L-integrazzjoni tistrieħ fuq li jinstab bilanċ bejn ir-rispett tal-valuri u l-identitajiet tal-kultura oriġinali tal-immigranti u r-refuġjati u l-bżonn li l-immigranti jħossuhom milqugħin (billi dawn jaċċettaw il-valuri ewlenin u l-istituzzjonijiet tal-komunità jew il-pajjiż li qed jilqgħuhom). Il-proċess tal-integrazzjoni jolqot l-aspetti kollha tal-ħajja f'soċjetà u kemm l-immigranti kif ukoll il-komunità li qed tilqagħhom għandhom sehem importanti x'jagħtu.

### Kolonizzazzjoni ġdida

Ir-refuġjati mhux dejjem ikunu jistgħu jmorru lura lejn darhom moħħhom mistrieħ jew li jibqgħu jgħixu fil-pajjiż fejn ingħataw kenn, x'aktarx minħabba li jkollhom jerġgħu jħabbtu wiċċhom ma' persekuzzjoni kontinwa. F'ċirkustanzi bħal dawn, il-UNHCR tipprova tibgħathom f''pajjiżi terzi siguri. Flimkien mar-ripatrijazzjoni volontarja u l-integrazzjoni lokali, il-programm ta' kolonizzazzjoni ġdida hu wieħed mit-tliet soluzzjonijiet fit-tul għar-refuġjati. Bis-saħħa tal-programm ta' kolonizzazzjoni ġdida r-refuġjati jingħataw protezzjoni legali - residenza u ħafna drabi eventwalment iċ-ċittadinanza - mill-gvernijiet li jaqblu li jilqgħuhom, fejn kull każ jitqies skont il-merti tiegħu.

### Kuntrabandu

Forma ta' ċaqliq ta' immigranti li jseħħ bi ftehim mal-immigrant innifsu fejn normalment l-immigrant iħallas għal dan is-servizz ta' kuntrabandu. Dan it-tip ta' kuntrabandu jista' jkun abbużiv u perikoluż, u jista' jwassal għall-mewt, imma mhux imġiegħel bħal fil-każ tat-traffikar.



[1] Sors: IOM Glossary on Migration, 2004, IOM Essentials of Migration Management, 2004, UNHCR Protecting Refugees and the Role of UNHCR 2007-2008

## Minuri mhux akkumpanjati

Minuri mhux akkumpanjati huma bniet u subien taħt it-18-il sena, ta' oriġini barranija, li jinsabu mifruda miż-żewġ ġenituri tagħhom u li m'għandhom l-ebda adult jieħu ħsiebhom li skont il-liġi jew skont id-drawwa huwa fid-dmir li jagħmel dan. Minuri mhux akkumpanjati jistgħu jkunu refuġjati, persuni li qed jitolbu kenn jew immigranti. Tfal mhux akkumpanjati huma b'mod speċjali vulnerabbli għal xi forma ta' esplojtazzjoni. Id-drittijiet ta' minuri mhux akkumpanjati huma mħarsa bil-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989.

## Naturalizzazzjoni

Bit-terminu naturalizzazzjoni qed nifhmu meta xi ħadd jikseb iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità mingħajr ma kien ċittadin ta' dak il-pajjiż mat-twelid.

## Non-refoulement

Il-prinċipju tan-non-refoulement jitqies ewlieni fil-qafas tal-liġi internazzjonali dwar ir-refuġjati, u jipproteġi lir-refuġjati milli jintbagħtu lura f'postijiet fejn il-ħajja jew il-libertà tagħhom jistgħu jkunu mhedda.

## Persuna li titlob kenn

Persuna li tirrapporta li hi refuġjata u li qed tistenna li din it-talba tkun milqugħa jew miċħuda. Dan it-terminu ma jippreżumi xejn, la naħa u lanqas oħra - sempliċiment jiddeskrivi l-fatt li persuna ressqet it-talba tagħha. Uħud mill-persuni li qed ifittxu kenn jingħarfu bħala refuġjati filwaqt li oħrajn le.

## Persuni bla stat

Persuna li mhijiex meqjusa ċittadina ta' xi stat skont il-liġijiet ta' dak il-pajjiż u għaldaqstant titqies bla stat.

## Refuġjat

Il-Konvenzjoni tar-Refuġjati tal-1951 tiddeskrivi r-refuġjati bħala individwi li jinsabu 'l bogħod minn pajjiżhom jew mir-residenza tagħhom tas-soltu, u li għandhom (traduzzjoni libera) "biża' ppruvata minn persekuzzjoni minħabba razza, twemmin, nazzjonalità, sħubija fi grupp soċjali partikulari, jew opinjoni politika tagħhom, u li minħabba din il-biża', mhumiex kapaċi jew m'għandhomx il-ħila jfittxu l-ħarsien ta' dak il-pajjiż". L-individwi li jaħarbu l-kunflitti jew inkella l-vjolenza b'mod ġenerali ħafna drabi jitqiesu refuġjati. Dawn l-individwi m'għandhomx il-protezzjoni ta' pajjiżhom - anzi ħafna drabi hu l-istess Gvern tagħhom li qed jheddidhom li jippersegwitahom.

## Regolarizzazzjoni

Proċess li bih pajjiż jippermetti li persuni li jinsabu f'qagħda irregolari jiksbu status legali fil-pajjiż.

## Ritorn volontarju

Meta persuni jmorru lura lejn pajjiżhom billi huma stess juru din ix-xewqa minn jeddhom.

## Riunifikazzjoni tal-familja

Proċess li bih membri tal-familja li jinsabu mifrudin minħabba immigrazzjoni mġiegħla jew volontarja, jerġgħu jingħaqdu mill-ġdid, jew fil-pajjiż oriġinali jew f'pajjiż ieħor. Meta l-membri tal-familja jingħaqdu mill-ġdid f'pajjiż li mhuwiex tagħhom, ħafna drabi tkun fid-diskrezzjoni tal-istat jekk jitħallewx jidħlu fil-pajjiż jew le.

## Soġġorn żejjed

Meta persuna tibqa' tgħix f'pajjiż għal aktar mill-perjodu ta' żmien li għalih ingħatat permess.

## Traffikar

Reklutaġġ, trasport, trasferiment, kenn, jew ilqugħ ta' persuni permezz ta' theddid, użu tal-forza jew forom oħrajn li bihom ikunu mġiegħla jitilqu minn xi pajjiż. L-iktar forom komuni ta' traffikar jinkludu l-esplojtazzjoni sesswali, it-traffikar tat-tfal, u t-traffikar għall-esplojtazzjoni ta' ħaddiema. It-traffikar imur kontra d-drittijiet tal-bniedem u jinkludi r-rapiment, il-frodi, il-qerq, u l-abbuż mill-poter jew l-abbuż ta' xi ħadd li jinsab f'pożizzjoni vulnerabbli.

Mhux Biss Numru

# KIF TUŻA L-PAKKETT
# *‘MHUX BISS NUMRU‘*

- ID-DVD ‘MHUX BISS NUMRU’
- TAĦRIĠ KREATTIV
- ĦIN
- ETAJIET
- TERMINOLOĠIJA

**Dan il-pakkett jinkludi DVD, ktejjeb għall-għalliema u ritratti.**

**L-għan aħħari ta' dan il-pakkett huwa li jgħin lill-istudenti jifhmu kwistjonijiet marbuta mal-immigrazzjoni u l-ażil fl-UE u jgħinhom jiffurmaw l-opinjonijiet u l-veduti tagħhom skont tagħrif ibbilanċjat.**

## ID-DVD '*MHUX BISS NUMRU*'

L-ewwel menù li jitla' fid-DVD jħallik tagħżel il-lingwa li trid u b'hekk il-films kollha jibdew jidhru awtomatikament b'dik il-lingwa.

Id-DVD tħejja biex jintuża flimkien mat-taħriġ kreattiv misjub f'dan il-ktejjeb. Għal raġunijiet ta' prattiċità, il-menù fid-DVD jirreferi għat-titlu ta' kull taħriġ. Għaldaqstant, wara li tagħżel il-lingwa, issib ruħek f'Menù ieħor b'dawn l-għażliet:

**TAĦRIĠ EWLIENI**
Filmat ta' 30 minuta bi tliet każijiet li jirrappreżentaw realtajiet differenti dwar l-immigrazzjoni u l-ażil.

**ĦADDIEMA IMMIGRANTI**
Filmat ta' 15-il minuta b'żewġ każijiet ta' immigranti ekonomiċi.

**MEZZI TAX-XANDIR**
Filmat ta' żewġ minuti mingħajr kummentarju dwar il-wasla ta' immigranti u refuġjati b'dgħajsa.

**TRAFFIKAR U KUNTRABANDU**
Silta ta' 5 minuti dwar il-kuntrabandu meħuda mill-film prinċipali.

**KAŻIJIET**
Din it-taqsima tħallik tara l-ħames każijiet separatament.

## TAĦRIĠ KREATTIV

Dawn l-eżerċizzji kreattivi tħejjew sabiex jintużaw flimkien mad-DVD skont meta jmisshom u skont il-ħin kif propost f'dan il-pakkett, imma jistgħu jintużaw ukoll għalihom bħala eżerċizzju separat waqt lezzjonijiet jew inkella bħala parti minn suġġetti kurrikulari speċifiċi fosthom l-istorja, il-ġeografija, l-arti ...

**Fil-ktejjeb qed jintużaw l-ikoni li ġejjin:**

L-għalliem jindirizza lill-istudenti

L-għalliem jistaqsi mistoqsijiet lill-istudenti

Taħriġ b'materjal

Taħriġ b'ritratti

Qari

## ĦIN

Jekk jista' jkun, it-Taħriġ Ewlieni għandu jsir fuq medda ta' żewġ lezzjonijiet wara xulxin (+/- 90 minuta). Kull eżerċizzju tematiku għandu jsir f'lezzjoni waħda (+/- 45 min.), ħlief għall-eżerċizzju dwar il-Ħaddiema Immigranti, li jieħu 30 minuta.

Nissuġġerixxu li t-Taħriġ Ewlieni jintuża almenu ma' eżerċizzju tematiku wieħed.

Jekk ma tantx għandek ħin, tista' tara kull każ għalih. Madanakollu, nissuġġerixxu li għall-inqas turi żewġ każijiet, dak tal-'immigrant' u dak tar-'refuġjat' u wara tkompli almenu bi stadju wieħed mit-taqsima Taħriġ Ewlieni.

## ETAJIET

Dan il-pakkett tħejja għal studenti ta' bejn it-12 u t-18-il sena.
Fejn hu meħtieġ, l-eżerċizzji ġew addattati għal żewġ etajiet ewlenin: bejn 12 u 14-il sena u bejn 15 u 18-il sena. F'kull taħriġ hemm imniżżla l-età addattata.

## TERMINOLOĠIJA

Meta qed tiddiskuti l-immigrazzjoni u l-ażil, hu importanti li tuża t-terminoloġija li tixraq biex tara li kulħadd qed jifhem u tipprovdi tagħrif ibbilanċjat. Għal dan l-għan, fid-daħla qed jingħataw definizzjonijiet ewlenin li għandek tirreferi għalihom inti u tuża dan il-pakkett.

**Ewropa:** Sakemm ma jingħadx mod ieħor, it-terminu Ewropa qed jintuża biex jirreferi għall-Unjoni Ewropea.

Mhux Biss Numru

# TAĦRIĠ KREATTIV




# TAĦRIĠ EWLIENI: L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL FL-EWROPA

Dan it-taħriġ ewlieni jipprovdi daħla ġenerali għas-suġġett tal-immigrazzjoni u l-ażil fl-Ewropa u jintroduċi lill-istudenti ma' stejjer reali.

Ħin: Żewġ sessjonijiet ta' +/-90 minuta l-waħda (jistgħu jinqasmu f'żewġ sessjonijiet separati bi spazju massimu bejniethom ta' ġimgħa).

**STADJU 1: JARAW IL-FILM PRINĊIPALI FID-DVD**

**STADJU 2: NIFHMU L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL**

**STADJU 3: A. RAKKONT TA' STORJA (ETÀ 12-14) JEW IL-LOGĦBA TAL-OPINJONI (ETÀ 15-18)**

### Għanijiet Ġenerali

*- Sabiex juru li fiehmu l-fenomeni tal-immigrazzjoni u tal-ażil (tiftix ta' kenn).*

*- Sabiex ikunu kapaċi jesprimu l-opinjonijiet tagħhom u jaħsbu b'mod kritiku dwar kwistjonijiet marbuta mal-integrazzjoni, l-identità u r-razziżmu.*

## STADJU 1 JARAW IL-FILM PRINĊIPALI FID-DVD (30 min.)

**Etajiet:** kull età

**Riżorsi meħtieġa**

- DVD player u televixin jew kompjuter jew projector u skrin

*L-istudenti jaraw il-film prinċipali li hemm fil-menù tat-taqsima Taħriġ Ewlieni fid-DVD: Dan jippreżenta tliet każijiet li dwarhom qed jingħata tagħrif fil-qosor hawn taħt. Il-film jinstema' bil-lingwi oriġinali b'sottotitli.*

### Tagħrif fil-qosor dwar il-każijiet fid-DVD

**Rean, 32 sena, mill-Iran, refuġjata**

Meta kellha 22 sena, Rean iżżewġet u telqet flimkien ma' żewġha mill-Iran sabiex jiksbu l-ħelsien u jibdew ħajja ġdida. It-tama tagħhom hi li jmorru l-Istati Uniti, imma t-talba tagħhom sabiex tinħariġilhom il-viża ma ntlaqgħetx u għalhekk qatgħuha li jerħulha lejn l-Ewropa minflok. Wara dan ikollhom iħabbtu wiċċhom ma' vjaġġ twil u iebes. Biex jaslu l-Ewropa, ħallsu lil xi kuntrabandisti biex jgħinuhom jaqsmu l-fruntieri. Jaslu l-Ewropa taħt kundizzjonijiet ħżiena.

Malli jaslu, jitolbu kenn (ażil). Matul is-seba' snin ta' wara, Rean u żewġha qagħdu jistennew biex tittieħed id-deċiżjoni dwar l-istatus tagħhom. Dawn is-snin iqattgħuhom f'ċentru ta' akkoljenza li jilqa' fih persuni li jitolbu kenn fejn il-ħajja hi iebsa u fl-istess ħin it-talba tagħhom għal ażil taf ma tintlaqax u jispiċċaw jintbagħtu lura l-Iran. Matul is-snin li qattgħet fiċ-ċentru, Rean jirnexxilha tegħleb is-solitudni u d-diffikultajiet li ġġib magħha l-ħajja ta' kuljum billi tagħmel il-ħbieb u tieħu sehem f'proġetti ta' arti u drama.

Wara xi żmien, Rean u żewġha jiddivorzjaw. Rean tressaq applikazzjoni ġdida u titlob kenn f'isimha u fid-dawl ta' din is-din is-sitwazzjoni eventwalment tingħata l-istatus ta' refuġjat minħabba li mara ddivorzjata qatt ma tista' tkun milqugħa fis-soċjetà Iranjana, u allura tkun fil-periklu ta' persekuzzjoni jew agħar minn hekk. Illum il-ġurnata, Rean m'għadhiex tgħix fiċ-ċentru u qed tgħix ħienja mas-sieħeb il-ġdid tagħha u ma' binhom Kehan.

**Doré, 24 sena, mill-Kongo-Brazzaville, immigrant**

Doré jasal fl-Ewropa mill-Kongo-Brazzaville meta kellu 8 snin. Ommu titilqu. Minkejja li jispiċċa jgħix ma' qrabatu, qatt ma jkollu futur legali u ma jistax jikseb status ta' resident permanenti. M'għandux passaport u bħalissa jinsab l-Ewropa permezz ta' viża li ngħatatlu bħala student u li jrid iġeddidha kull tant żmien.

Doré hu akrobata li rebaħ bosta unuri u jmexxi wkoll il-klabb tiegħu taż-żgħażagħ. Fil-ġejjieni, jixtieq jilħaq għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika. Fraucke, it-tfajla tiegħu, hi wkoll barranija, imma minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea. Jixtiequ jibdew familja flimkien.

**Adelina, 27 sena, mill-Kosovo, refuġjata, u wara naturalizzata**

Adelina waslet fl-Unjoni Ewropea meta kellha 10 snin, fi żmien meta l-qagħda politika fil-Kosovo kienet sejra għall-agħar. Missierha, skrivan il-qorti f'Gjilan, kien telaq minħabba pressjoni politika qawwija fuq ix-xogħol. Minħabba li beda jħoss li dalwaqt kien se jinqala' kunflitt, telaq minn pajjiżu biex jitlob kenn f'pajjiż ieħor.

Fil-pajjiż il-ġdid li laqgħu, ingħata l-istatus ta' refuġjat u sab jaħdem f'fabbrika tal-ħut. Aktar tard, ingħaqdu miegħu mill-Kosovo martu u ż-żewġ uliedu bniet skont skema ta' riunifikazzjoni tal-familja. Dawn ukoll ingħataw status ta' refuġjat.

Illum il-ġurnata Adelina hi studenta li dalwaqt tispiċċa l-istudji tagħha fil-psikoloġija. Issa ngħatat iċ-ċittadinanza tal-pajjiż li laqagħha fih. Fil-każ ippreżentat fid-DVD qed narawha tmur lura l-Kosovo sabiex iżżur lill-familja tagħha u lil pajjiżha għall-ewwel darba fi 17-il sena. Hi tfisser l-emozzjonijiet differenti li qed tħoss hija u tmur lura l-Kosovo filwaqt li tipprova timmaġina kif kienet tkun ħajjitha kieku l-familja tagħha ma ħarbitx mill-gwerra.

# STADJU 2 NIFHMU
## L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL (30 min.)

### FAŻI 1

*Aqsam il-klassi fi tliet gruppi u abbina wieħed mill-protagonisti tal-film ma' kull grupp.*

*Itlob lill-istudenti biex fil-qosor ifissru r-raġuni għaliex ħarbu minn pajjiżhom, x'tip ta' sitwazzjonijiet (legali) ħabbtu wiċċhom magħhom, u x'kienet l-esperjenza tagħhom fejn jidħlu l-integrazzjoni u d-diskriminazzjoni?*

*Jekk hemm bżonn uża t-tagħrif mogħti dwar kull protagonist, l-aktar mal-istudenti ż-żgħar.*

*Wara, kull grupp irid jippreżenta fil-qosor l-informazzjoni miġbura lill-bqija tal-klassi.*

### FAŻI 2

*Niżżel it-termini li ġejjin fuq il-whiteboard:*

persuna li qed titlob kenn (ażil)
immigrant
refuġjat

*Staqsi lill-istudenti jekk humiex midħla ta' dawn it-termini, u jfissruhom. Billi tirreferi għad-daħla u għad-definizzjonijiet ewlenin mogħtija, fisser eżatt x'nifhmu b'dawn it-termini lill-klassi.*

### FAŻI3

*Issa spjega fuq fuq x'nifhmu b'immigrazzjoni u b'ażil jew kenn (irreferi għad-daħla ta' dan il-ktejjeb).*
*Hawnhekk għandek issib xi tagħrif ieħor li tista' tużah:*

- *Ftakar li n-nies jiċċaqalqu lejn ħafna postijiet differenti, madwar id-dinja, u mhux lejn l-Ewropa biss.*
- *Aktar minn 200 miljun ruħ jgħixu barra minn pajjiżhom; jiġifieri madwar 3% tal-popolazzjoni dinjija.*

- *Madwar 10 miljun ruħ minnhom huma refuġjati, li fil-biċċa l-kbira tagħhom ġejjin mill-Afrika u mill-Asja.*
- *Fil-każ tar-refuġjati, il-biċċa l-kbira tagħhom jibqgħu joqogħdu fl-inħawi ta' pajjiżhom, li ħafna drabi jkunu fost l-ifqar fid-dinja. Ngħidu aħna: Afgani li jmorru jgħixu fil-Pakistan, Iraqini fis-Sirja, Sudaniżi fiċ-Ċad...*[2]
- *Kważi f'kull parti tad-dinja, tiltaqa' ma' immigranti ekonomiċi; uħud minnhom imorru jgħixu f'kontinenti oħrajn filwaqt li oħrajn jiċċaqalqu fl-istess kontinent jew reġjun fejn jgħixu. Ngħidu aħna: Persuni mill-Afrika Subsaħarjana u mill-Afrika ta' Fuq li jerħulha lejn l-Ewropa, Messikani li jmorru l-Istati Uniti, ħaddiema Asjatiċi (Filippini, Srilankiżi, Bangali u l-bqija) li jmorru fil-pajjiżi tal-Golf, jew Ċiniżi li jmorru fl-Awstralja u l-bqija.*[3]
- *Għaldaqstant, in-nies jiċċaqalqu għal bosta raġunijiet, fosthom dawk diskussi fid-DVD.*

## FAŻI 4 STEJJER PERSONALI

*Issa, itlob lil tliet jew erba' studenti jfissru minn fejn ġejjin il-familji tagħhom u għala ċċaqalqu (għandhom jingħażlu kemm stejjer internazzjonali kif ukoll lokali)*

*Min ġej minn pajjiż ieħor? Minn kontinent ieħor?*
*Min ġej minn Malta/Għawdex?*
*Minn liema belt jew raħal ġej?*

**Xogħol għad-dar issuġġerit:**

*Itlob lill-istudenti jfittxu minn fejn oriġinat il-familja tagħhom billi jmorru lura fiż-żmien kemm jista'jkun.*

*Iridu jpinġu l-mappa personali tal-familja tagħhom (għallinqas sa minn żmien in-nanniet).*
*Iridu wkoll isibu u jniżżlu s-sena ta' meta seħħ dan iċ-ċaqliq u x'kienu r-raġunijiet ewlenin għala seħħ.*

*jekk jista' jkun jiskopru jekk bħalissa hemmx membri oħrajn tal-familja li ċċaqalqu kif ukoll x'inhuma r-raġunijiet għal dan. Jekk hemm xi studenti jew familji li ma jixtiqux jagħtu r-raġunijiet jew inkella sempliċiment ma jafuhomx, kulma jridu jniżżlu hu . "raġuni privata"*



2 Jekk jogħġbok ftakar li din il-lista mhijiex waħda konklussiva u għandha l-għan biss li jingħataw xi eżempji.
3 Idem

# RAKKONT TA' STORJA (ETÀ 12-14) JEW IL-LOGĦBA TAL-OPINJONI (ETÀ 15-18)

F'dan l-istadju qed irressqu għażliet differenti skont l-etajiet tal-istudenti. Iż-żewġ għażliet tfasslu sabiex iħeġġu lill-istudenti jesprimu l-opinjonijiet u l-veduti tagħhom dwar l-immigrazzjoni u l-ażil. L-istudenti ż-żgħar (etajiet 12 - 14) iridu jirrakkuntaw storja, filwaqt li nissuġġerixxu li l-Logħba tal-Opinjoni ssir mal-istudenti l-kbar (etajiet 15 - 18).

## STADJU 3A RAKKONT TA' STORJA

**Ħin: 30 min.**

### Età 12-14

*F'dan l-eżerċizzju, l-istudenti jintalbu jużaw l-immaġinazzjoni tagħhom sabiex jibnu stejjer varji dwar l-immigranti, il-persuni li qed jitolbu kenn jew ir-refuġjati, imsejsa fuq ġabra ta' ritratti u kliem-muftieħ.*

### Għanijiet Speċifiċi

*- Sabiex ikunu kapaċi jużaw kif jixraq it-termini li tgħallmu dwar il-migrazzjoni u l-ażil.*
*- Sabiex juru li fiehmu l-qagħda tal-immigranti, tar-refuġjati u tal-persuni li qed jitolbu kenn billi jimmaġinaw lilhom infushom f'sitwazzjonijiet simili.*
*- Sabiex ikunu kapaċi jaħsbu b'mod kritiku dwar stereotipi u suppożizzjonijiet marbuta ma' razza, sess jew etniċità.*

### Riżorsi meħtieġa

*6 ritratti mehmużin fil-pakkett:*
*- 3 ritratti dwar l-immigrazzjoni u l-ażil (kif jidhru normalment fuq il-mezzi tax-xandir).*
*- 3 ritratti meħudin minn minuri mhux akkumpanjati.*

## ISTRUZZJONIJIET DWAR IL-LOGĦBA

**Aqsam il-klassi f'erba' gruppi. Kull grupp irid jiġi quddiem il-kumplament tal-klassi u jirrakkonta storja mistħajla dwar immigrant jew refuġjat. L-istorja trid tingħad fl-ewwel persuna. Sabiex tgħinhom, kull grupp jingħata metodu wieħed ta' kif jibni l-istorja tiegħu minn fost dawk imfissra hawn taħt.**

**L-ewwel student ta' kull grupp jibda jirrakkonta l-istorja, li trid titkompla mill-istudent li jmiss fl-istess grupp. L-aħħar student f'dak il-grupp itemm l-istorja. Wara jkun imissu l-grupp l-ieħor li jrid jibda storja ġdida billi juża metodu differenti. Kull metodu, u allura kull fażi, iridu jsiru mill-inqas darbtejn.**

**Importanti li kull student ikompli bil-parti tiegħu tal-istorja billi juża l-elementi li użaw sħabu ta' qablu u ma jbiddilx għal kollox id-direzzjoni li tkun qed tieħu l-istorja tal-grupp. Madanakollu, l-istorja ta' kull grupp trid tkun differenti. Kull storja trid tinkludi nies (refuġjati u/jew immigranti), azzjonijiet u postijiet.**

**Qabel ma tibda l-attività, l-għalliem għandu jikteb għadd ta' kliem-muftieħ fuq biċċiet tal-karti u jitfagħhom f'kaxxa:**

***Armata, ażil, biża', ċentru ta' detenzjoni, edukazzjoni, espulsjoni, faqar, fruntiera, ġenituri, ħaddiem staġjonali, kuntrabandist, kuntratt, opportunità, passaport, persekuzzjoni, protezzjoni, ritorn, riunifikazzjoni tal-familja, viża għat-turist, xogħol.***

## FAŻI 1 MEMORJA

Stieden lill-istudenti fl-ewwel grupp sabiex jirrakkontaw storja billi jużaw elementi li jiftakru mill-film prinċipali.

## FAŻI 2 KLIEM-MUFTIEĦ

Stieden lill-istudenti tat-tieni grupp sabiex joħolqu storja billi jużaw il-kliem-muftieħ li jittella' mill-kaxxa jew li tgħaddilhom int stess. Itlob lill-istudenti jfissru malajr kull kelma jew jaraw għandhomx bżonn ta' spjegazzjoni (eż. ċentru magħluq, ażil, ...). Kull student juża kelma-muftieħ huwa u joħloq il-parti tiegħu tal-istorja l-ġdida.

## FAŻI 3 RITRATTI

Stieden lill-istudenti tat-tielet grupp biex jużaw ir-ritratti mehmuża fil-ktejjeb ħalli jirrakkuntaw l-istorja.


©UNHCR / L. Boldrini


©Hawdin/Transparency/Photovoice


©Tatiana/Transparency/Photovoice


©APF


©Kosaeva


©Florian/Transparency/Photovoice

## FAŻI 4 RITRATTI U KLIEM-MUFTIEĦ

Stieden lill-istudenti tar-raba' grupp sabiex jirrakkuntaw l-istorja tagħhom billi jużaw il-kliem-muftieħ u r-ritratti.

## FAŻI 5 GĦELUQ

Wara l-logħba, itlob lill-istudenti jgħidulek:
- Jekk kienitx faċli jew le
- Jekk użawx tagħrif li diġà kellhom jew inkella xi ħaġa li tgħallmuha minn dan il-pakkett

**Xogħol għad-dar**

Ħalli lill-istudenti jagħżlu tliet kelmiet-muftieħ u ritratt mill-pakkett u itlobhom jiktbu storja fl-ewwel persuna dwar immigrant jew refuġjat.

# STADJU 3B IL-LOGĦBA TAL-OPINJONI

Il-logħba tal-opinjoni toffri metodu attiv li jħeġġeġ lill-istudenti jiddibattu b'mod kritiku filwaqt li jesprimu l-veduti u l-opinjonijiet tagħhom dwar il-punti mqanqla fil-pakkett. Dan it-taħriġ iqajjem ukoll kwistjonijiet marbuta mal-identità, ir-razziżmu u l-ksenofobija.

**Età 15 - 18**

**Għanijiet Speċifiċi**

*- Sabiex ikunu kapaċi jaħsbu b'mod kritiku huma u jiddiskutu l-opinjonijiet fil-klassi.*

*- Sabiex ikunu kapaċi jrawmu opinjonijiet u jesprimuhom huma u jiddibattu fil-klassi.*

**Riżorsi meħtieġa**

*- Klassi vojta*

*- Lista ta' stqarrijiet*

**Ħin: 30 minuta**

## FAŻI 1 TĦEJJIJA

*Itlob lill-istudenti jagħmlu ftit tar-riċerka u jiġbru mill-inqas tliet "opinjonijiet", "stqarrijiet" jew "ġudizzji" dwar immigranti, persuni li qed jitolbu kenn u refuġjati, jew mill-mezzi tax-xandir, jew mill-ambjent li jgħixu fih jew skont l-opinjonijiet tagħhom stess (jekk jista' jkun iridu jkunu veduti konservattivi u progressivi).*

*Barra minn hekk, ħejji l-lista tiegħek ta' stqarrijiet - uħud minnhom jistgħu jittieħdu mid-DVD, (qed jidhru wkoll xi suġġerimenti hawn taħt). Kull opinjoni ġdida li tingħad minn student matul xi dibattitu waqt il-logħba tista' tintuża wkoll bħala stqarrija ġdida. Kull stqarrija trid dejjem issir fl-ewwel persuna, l-istess kif trid tingħata kull tweġiba matul id-dibattitu.*

*L-istqarrijiet issuġġeriti għandhom jitniżżlu fuq karta u jintefgħu f'kaxxa.*

- Bħala mara m'għandix dritt nesprimi lili nnifsi u l-opinjonijiet tiegħi f'pajjiżi u għalhekk ikolli nitlaq u nitlob kenn biex b'hekk inkun nista' niġġieled għall opinjonijiet tiegħi u għalija nnifsi.
- M'iniex razzist, imma jekk naċċetta l-immigranti f'pajjiżi, huma għandhom jitgħallmu l-lingwa tagħna u l-kultura tagħna.
- Diġà hawn biżżejjed qgħad f'dan il-pajjiż; ma nistgħux inħallu li jidħlu aktar immigranti.
- Kulħadd għandu jkollu d-dritt li jmur fejn irid.
- Fis-soċjetà tagħna "teżisti" biss meta tkun irregolarizzat uffiċjalment.
- L-immigranti kollha li m'għandhomx id-dokumenti meħtieġa huma irregolari u għandhom jintbagħtu lura.

## FAŻI 2 OPINJONIJIET GĦAD-DISKUSSJONI

*Biex nibdew, kulħadd irid joqgħod bilwieqfa fin-nofs tal-klassi (iż-żona newtrali). Tella' stqarrija mill-kaxxa u aqraha. Wara l-istudenti jridu jinqasmu f'żewġ gruppi: dawk li jaqblu mal-istqarrija u dawk li ma jaqblux (il-gruppi jridu jmorru lejn żewġ naħat opposti tal-klassi). L-istudenti jistgħu biss jaqblu jew ma jaqblux: m'hemmx "imma" jew "kieku". Għandhom jirreaġixxu minnufih u jagħżlu opinjoni. Kulħadd jinterpreta l-istqarrija skont kif jifhimha hu. Ma trid tingħata l-ebda spjegazzjoni.*

*Meta kulħadd ikun għażel naħa partikulari, għandu jinfetaħ dibattitu u jibda jitkellem il-grupp tal-minoranza. Kull student għandu jiddiskuti l-opinjoni tiegħu. L-oħrajn għandhom jitħallew jirreaġixxu minn jeddhom. Malli l-grupp tal-minoranza jtemm l-argumenti tiegħu, jibda jitkellem il-grupp tal-maġġoranza billi jfisser l-opinjonijiet tiegħu bl-istess mod.*

*Kull grupp irid ikollu żewġ reporters kull darba li ssir stqarrija ġdida (Minoranza u Maġġoranza). Waqt id-dibattiti varji, dawn ir-reporters għandhom iniżżlu fuq il-whiteboard l-espressjonijiet ewlenin u l-kliem-muftieħ filwaqt li jwaħħlu r-ritratti użati lkoll sabiex jissaħħaħ l-argument.*

## PUNTI EWLENIN

- M'hemmx tweġibiet 'tajbin' jew 'ħżiena'. Dan l-eżerċizzju huwa dwar opinjonijiet, tiftix ta' informazzjoni fuq livell personali u kollettiv u trawwim ta' ħsieb kritiku.
- L-istudenti jistgħu jmorru minn naħa għal oħra kemm waqt id-dibattitu kif ukoll wara, imma dan jistgħu jagħmluh biss kemm-il darba jispjegaw għala bidlu fehmithom - iridu jwieġbu fl-ewwel persuna.
- Meta l-istudent iressaq każ, jista' jitkellem biss skont l-opinjoni personali tiegħu, "Naħseb...", "Nimmaġina..." "Naf...".
- Xogħol l-għalliem huwa biss li jservi ta' moderatur u għandu jibqa' newtrali. Il-mistoqsijiet u r-rimarki għandhom jintużaw biex iqanqlu d-diskussjoni u jgħinuha tissokkta: ngħidu aħna "kif taf li ..., xi trid tgħid ..., qiegħed nifhem sew ..., dik mhix kontradizzjoni ..." u l-bqija.

## FAŻI 3 GĦELUQ

*Sabiex nikkonkludu, ir-reporters għandhom jgħidu fil-qosor x'osservaw. Uża n-noti li ħadu r-reporters biex toħroġ il-kontradizzjonijiet, ix-xebh u d-differenzi. Ipprova sfida lill-istudenti ħalli janalizzaw l-mod ta' kif jaħsbuha b'moħħ kritiku filwaqt li tħeġġiġhom jaqsmu l-opinjonijiet tagħhom mal-oħrajn. Flimkien mal-istudenti, iġbor l-argumenti mqajma. Uża n-noti biex tipprova tasal għal konklużjoni mid-dibattitu mqanqal (mingħajr ma tiġġudika!)*

***Tista' tagħmel il-mistoqsijiet li ġejjin lill-istudenti:***

*X'innutajt waqt id-diskussjonijiet?*
*Biddilt fehmtek?*
*Skoprejt mod ġdid kif taħseb?*
*Hemm xi stqarrijiet li joffendu?*
*Ħafna drabi xaqlibt lejn in-naħa tal-maġġoranza?*
*Kont emozzjonali jew razzjonali fl-argumenti tiegħek?*

**Xogħol għad-dar**

Itlob lill-istudenti jħejju rapport personali dwar wieħed mill-argumenti mqajma waqt id-dibattitu u li ma jaqblux miegħu.

Mhux Biss Numru

# TAĦRIĠ TEMATIKU

- IL-ĦADDIEMA IMMIGRANTI (ETÀ 15-18)
- IL- MINURI MHUX AKKUMPANJATI (ETÀ 12-14)
- L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL FIL-MEZZI TAX-XANDIR (KULL ETÀ)
- IT-TRAFFIKAR U L-KUNTRABANDU (ETÀ 15-18)

# IL-ĦADDIEMA IMMIGRANTI

F'dan l-eżerċizzju, l-istudenti jsiru midħla ta' ġenerazzjonijiet differenti ta' immigranti ekonomiċi u jiddiskutu għala n-nies jiċċaqalqu minħabba x-xogħol.

**Ħin: 30 minuta**

***Età 15-18***

***Għanijiet***

*- Sabiex ikunu kapaċi jitkellmu dwar l-immigrazzjoni ekonomika ta' qabel u ta' issa.*

*- Sabiex ikunu kapaċi juru li fiehmu l-ħtieġa li għandha bħalissa l-Ewropa ta' ħaddiema immigranti.*

***Riżorsi***

*- DVD player u televixin jew kompjuter jew projector u skrin.*

## FAŻI 1 JARAW IL-FILM DWAR IL-ĦADDIEMA IMMIGRANTI

*Uri l-każijiet fid-DVD dwar il-ħaddiema immigranti (15-il min.)*

### Tagħrif fil-qosor dwar il-każijiet fid-DVD:

**Tino, 76 sena, Taljan, immigrant ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija**

Tino pensjonant. Wasal il-Belġju fl-1949 permezz ta' skema ta' riunifikazzjoni tal-familja: missieru kien diġà jaħdem hemm fil-minjieri.

Meta Tino kellu 16-il sena, telaq mill-Italja minħabba n-nuqqas ta' ikel li kien hemm wara l-gwerra. Tino kien l-iżgħar Taljan li kien jaħdem fil-minjiera. Aktar tard iżżewweġ mara mill-Belġju li minnha kellu l-ulied. Wara mar jaħdem fil-fabbriki.

Tino jagħmel parti mill-ewwel mewġa ta' ħaddiema immigranti li kienu meħtieġa għall-bini mill-ġdid tal-Ewropa wara l-gwerra. Xi pajjiżi fosthom il-Ġermanja, Franza, ir-Renju Unit u l-Belġju kienu qed ibatu minn nuqqas kbir ta' ħaddiema u allura nidew skemi li bihom stiednu ħaddiema minn pajjiżi oħrajn. Bdew ġejjin nies minn kull parti tal-Ewropa, inkluż minn kontinenti oħrajn.

**Alfredo, 33 sena u Veronica, 32 sena, Messikani ħaddiema immigranti mill-aktar ikkwalifikati.**

Alfredo u Veronica huma t-tnejn tobba. Miżżewġin u ilhom sena jgħixu fl-Ewropa minn mindu Alfredo ngħata l-opportunità li jaħdem fil-qasam tiegħu, dak tar-riċerka fil-psikjatrija.

Veronica, tabiba tal-ġilda, kienet taħdem fi sptar fil-Messiku fejn kienet taħdem ukoll privat. Sfortunatament, il-kwalifiki akkademiċi tagħha mhumiex rikonoxxuti fl-Ewropa u għaldaqstant ma tistax taħdem bħala tabiba. Minkejja kollox, xorta waħda sabet xogħol.

Alfredo kif ukoll Veronica ġarrbu bidliet li ma stennewhomx, fosthom: ħajja għolja infern meta mqabbla mal-pagi tagħhom, problema biex isibu fejn joqogħdu, il-firda mill-familji tagħhom u l-bqija.

Alfredo u Veronica huma xempju ta' ħaddiema mill-aktar ikkwalifikati li l-Unjoni Ewropea tant teħtieġ biex jimtela l-vojt li hemm fis-suq tax-xogħol Ewropew. Ħafna pajjiżi tal-UE qed ifittxu kemm ħaddiema kkwalifikati kif ukoll li mhumiex.

## FAŻI 2 TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

*Ipproponi sensiela ta' mistqosijiet miftuħa.*

Dawn il-mistoqsijiet m'għandhomx tweġibiet speċifiċi; l-għan tagħhom huwa li joħolqu dibattitu. It-tagħrif li hemm fid-daħla tal-pakkett jista' jintuża sabiex jidderieġi d-dibattitu filwaqt li jimmoderah. Tista' wkoll tirreferi għall-każijiet imressqa u għat-tagħrif miġbur waqt it-taħriġ ewlieni.

Malli d-dibattitu jasal fi tmiemu, għid fuq fuq x'ħareġ waqt id-dibattitu u agħti fil-qosor il-punti ewlenin li tqanqlu, fosthom l-argumenti favur u kontra l-bżonn ta' ħaddiema immigranti u l-impatt ta' dan id-dibattitu fejn jidħlu l-integrazzjoni u n-nuqqas ta' diskriminazzjoni.

1. Għaliex in-nies jiċċaqalqu biex isibu xogħol? Għal liema tip ta' xogħol jiċċaqalqu n-nies? (Irreferi għall-każijiet jew għall-eżempji tiegħek - eż. il-familja, il-ħbieb).

**GĦAJNUNIET**
Kundizzjonijiet soċjali u ekonomiċi ħżiena fil-pajjiż partikulari, ħtieġa ta' ħaddiema kkwalifikati u mhumiex, kuntratti temporanji u xogħol staġjonali, riunifikazzjoni tal-familja, biex jintbagħtu flus lill-familja.

2. X'tip ta' sitwazzjonijiet ikollhom iħabbtu wiċċhom magħhom il-ħaddiema immigranti meta jmorru jaħdmu pajjiż ieħor? Faċli jsibu xogħol? Jaħdmu fl-istess professjoni li kellhom f'pajjiżhom? X'tip ta' kwistjonijiet jista' jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom l-immigranti fejn jidħlu dokumenti, għarfien tal-kwalifiki tagħhom u l-bqija? (Irreferi għall-każijiet ippreżentati jew għall-eżempji tiegħek - eż. il-familja, il-ħbieb).

**GĦAJNUNIET**
Biex jiksbu d-dokumenti, għarfien tal-kwalifiki, problemi lingwistiċi, diffikultajiet ta' akkomodazzjoni, benefiċċji soċjali, għarfien tad-drittijiet.

3. Kif tħarsu lejn il-ħaddiema immigranti f'pajjiżek u fl-Ewropa inġenerali?
X'tip ta' attitudni negattiva jista' jkollhom in-nies lejn il-ħaddiema immigranti?
X'tip ta' attitudni pożittiva jista' jkollhom in-nies?
X'taħseb?

**GĦAJNUNIET**
Attitudnijiet negattivi: jeħdulna xogħolna, jingħataw il-benefiċċji, mhumiex bħalna.
Attitudnijiet pożittivi: jimlew postijiet tax-xogħol vakanti, jgħinu fl-ekonomija tal-pajjiż, iħallsu t-taxxi, isaħħu s-soċjetà permezz tad-diversità kulturali.

### AKTAR MISTOQSIJIET

Li kieku kellhom joffrulek xogħol interessanti barra minn pajjiżek, lest tħalli darek u l-familja tiegħek u tmur?

Jekk iva, għaliex u b'liema kundizzjonijiet? Lest li titlaq hu x'inhu x-xogħol?

Kif taħseb li tħossok kieku kellek titlaq lejn pajjiż ġdid li ma tafux minħabba x-xogħol?

**Xogħol għad-dar**

*Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jitwieġbu wkoll permezz ta' aktar riċerka min-naħa tal-istudenti, u b'hekk iservu sabiex ikunu jistgħu jiktbu dwarhom id-dar.*

# IL-MINURI MHUX AKKUMPANJATI

**Ħin: 45 min.**

**Tajbin għal studenti ta' bejn it-12 u l-14-il sena, imma wkoll għal dawk ta' bejn il-15 u t-18**

**Għanijiet**
- Sabiex ikunu kapaċi jiddeskrivu x'nifhmu b'minuri mhux akkumpanjati
- Sabiex jitkellmu dwar is-sitwazzjonijiet li jkollhom iħabbtu wiċċhom magħhom tfal u żgħażagħ tal-istess età fl-istess qagħda
- Sabiex jiddiskutu dwar id-diffikultajiet li jinqalgħu meta tinfired minn mal-familja

**Riżorsi meħtieġa**
- 4 ritratti (mehmużin fil-pakkett)
- Tagħrif fil-qosor dwar il-minuri mhux akkumpanjati li ġibdu r-ritratti

## FAŻI 1 NIFHMU

*Fisser x'nifhmu bit-terminu 'Minuri Mhux Akkumpanjati'. (Ara d-Definizzjonijiet Ewlenin).*

*Itlob lill-istudenti jgħidulek kif iħossuhom kieku kellhom jgħixu bla ġenituri jew ħbieb f'art barranija. X'inhuma l-aspetti pożittivi/ negattivi? Itlobhom jimmaġinaw x'vjaġġ twil u iebes iridu jagħmlu waħedhom u t-tip ta' ħajja b'ġejjieni mċajpar.*

**MHUX BILFORS**
*Ħeġġeġ lill-istudenti jfittxu dwar f'liema sitwazzjoni jinsabu ċerti minuri mhux akkumpanjati f'pajjiżhom u x'inizzjattivi jittieħdu biex jgħinuhom. Jista' jkun hemm xi studenti li jixtiequ jibdew jiktbulhom bħala penfriends.*

## FAŻI 2 KITBA TA' KUMMENTI QOSRA

*Aqsam il-klassi f'erba' gruppi. Urihom l-erba' ritratti (daqs A4) meħuda minn minuri mhux akkumpanjati.[4]*

*Itlob lil kull grupp jagħżel ritratt u jgħid għala għażlu. Kull grupp irid umbagħad iħejji kummenti qosra (captions) għar-ritratti magħżula u jippreżentahom lill-klassi. Il-gruppi l-oħrajn għandhom dritt jikkummentaw jew jipproponu kummenti oħrajn.*

*Wara, aqra l-kummenti oriġinali marbuta mar-ritratti u għidilhom fil-qosor l-istorja reali ta' kull fotografu. (ara hawn taħt).*

## FAŻI 3 KITBA TA' KARTOLINA

*Kull student għandu jagħżel ritratt u jużah biex jikteb kartolina żgħira, daqslikieku kien minur mhux akkumpanjati,li qed jikteb lill-ġenituri tiegħu jew lil sħabu f'pajjiżu. Għandu jikteb dwar emozzjonijiet, kwistjonijiet marbuta mal-integrazzjoni, status amministrattiv u l-bqija.*

## FAŻI 4 XOGĦOL GĦAD-DAR jew FIL-KLASSI

*L-istudenti jgħaddu bejniethom il-kartolini li kitbu u jwieġbu lil xulxin daqslikieku membri tal-familja jew il-ħbieb li baqgħu f'pajjiżhom .*

[4] Sors: Proġett tal-Photovoice "Transparency". Il-Photovoice hija organizzazzjoni li torganizza workshops fotografiċi għal nies żvantaġġati madwar id-dinja, u b'hekk tgħinhom jiżviluppaw mezzi li bihom jistgħu jirrappreżentaw lilhom infushom. Għal aktar tagħrif żur is-sit elettroniku: http://www.photovoice.org/html/galleryandshop/photogalleries/index.htm

## IL-BIJOGRAFIJI TAL-FOTOGRAFI

### FLORIAN, 17-IL SENA, RUMANIJA

"Jien mir-Rumanija. Ta' spiss naħseb fuq art twelidi - tassew sabiħa. Naħseb fuq sħabi, fuq familti u fuq il-post innifsu. Ili ngħix waħdi hawnhekk għal dawn l-aħħar tmien xhur u qed noqgħod f'lukanda. Kuljum immur l-iskola biex nitgħallem il-lingwa. Wara l-iskola mmur għal-lezzjonijiet taż-żfin. Qed nitgħallem niżfen żfin modern u żfin Tork. Nieħu gost inpaċpaċ ma' sħabi u nieħu gost immur id-diskoteka għax niltaqa' ma' nies ġodda. Britney Spears hija l-kantanta favorita tiegħi u togħġobni l-mużika u nieħu gost nikteb il-kanzunetti - indoqq l-accordian u l-keyboards. Wara li nitgħallem il-lingwa rrid immur nistudja u naħdem fi studio tal-produzzjoni."




**PUNT INTERROGATTIV ta' Florian**
Hawnhekk ma nafx min jien.
Naf ismi u ħwejjeġ oħrajn imma ma nafx x'qed nagħmel hawnhekk.
Bil-lingwa tiegħi nista' ngħidlek ħafna affarijiet dwari imma nsibha bi tqila biex nitkellem bil-lingwa tagħhom.




**ĦOLMA ta' Florian**
Kont id-dar ta' sħabi u daqqew mużika Torka u bdiet tiżfen. Togħġobni l-espressjoni ħalliema fuq wiċċha.

---

### HAWDIN, 17-IL SENA, IRAQ

"Jisimni Hawdin. Jiena refuġjat. Ġej minn Kirkuk, provinċja fl-Iraq. Bħalissa ngħix l-Ewropa. Missieri nqatel fil-gwerra ta' bejn l-Iraq u l-Iran fl-1988. Ommi mietet fl-2001 wara li mardet. Għandi biss 'l oħti, miżżewġa l-Iraq.

Kont ngħix l-Iraq ma' zijuwi, min-naħa ta' missieri, 'il bogħod minn kull kunflitt u problema politika. Kelli għarusa. Kont inħobbha ħafna. Għalija kienet kollox. Jekk ma kontx naraha mqar għal ġurnata, kont inħossni ħażin ħafna u vojt. Kellna ħafna affarijiet komuni bejnietna u konna noħolmu li għad ngħixu flimkien u nibnu ġenna




**ĦABIBI ta' Hawdin**
Dan sieħbi 'Bomi'. Xtrajtu għax ngħix waħdi u għandi bżonn il-ħbieb.
Kultant noqgħod inkellmu. Hu ma jweġibnix.

f'din id-dinja. Imma r-reġim dittatorjali ta' Saddam ma ħallinix ngħix ħajti, u qeridli t-tamiet u x-xewqat kollha li kelli. Ir-reġim Iraqi arrestani u ttorturani għal tmint ijiem bl-akkuża li kont ngħin lill-partit tal-Kurdi u li kont qed naħdem għalih. Zijuwi ħariġni fuq pleġġ.

Ħmistax wara li arrestawni, arrestaw lil zijuwi u għalhekk ħrabt lejn l-Ewropa. Tlaqt mill-Iraq lejn is-Sirja fejn qgħadt għal 25 ġurnata. Wara mort Istanbul bi trakk fejn qgħadt sebat ijiem, u wara rkibt fuq trakk ieħor. Kont għaddej minn żmien iebes - kilt biss erba' darbiet, ma kontx norqod, ma kontx qed inħossni tajjeb. Irkibt fuq trakk ieħor u ma rajtx id-dawl tax-xemx għal tlitt ijiem. L-atmosfera kienet għal kollox kaotika u skomda. Xtaqtni mejjet. Wara tlitt ijiem qaluli li kont wasalt f'waħda mill-akbar bliet Ewropej. Kont għajjien ħafna u ma kontx naf x'se naqbad nagħmel. L-aġent ħadni għand l-awtoritajiet dwar l-immigrazzjoni u telaqni hemm waħdi. Għamilt talba biex ningħata kenn u ġabu ruħhom tajjeb ħafna miegħi."

**TATIANA,18, ANGOLA**

"Jien mill-Angola. Għandi 18-il sena u m'ilnix li wasalt f'dan il-pajjiż. Dan il-pajjiż qed jagħtini bosta affarijiet ġodda u għalhekk inħossni kuntenta u grata.

Minkejja li nħoss in-nuqqas ta' ċerti affarijiet f'pajjiżi, hemm affarijiet oħrajn li ma nħoss xejn in-nuqqas tagħhom. Imma stramba għax kultant ma nħossnix kuntenta bħal ħafna minn sħabi. Ma nafx għaliex. Nixtieq li kont bħall-oħrajn kollha imma ma nħossnix hekk.

Diffiċli nagħżel x'se nagħmel fil-ġejjieni minħabba li kulħadd qed jagħtini pariri differenti. Jinteressani ħafna naħdem bil-lingwi imma fl-istess ħin nieħu gost immur għal-lezzjonijiet ta' suġġetti oħrajn l-iskola fosthom tat-teatru, tal-mużika u, ovvjament, tal-fotografija."




**FRIĠĠ BATTALA ta' Tatiana**
Se nieħu dan f'kamarti. M'hemmx agħar milli ma jkollokx ikel fil-friġġ tiegħek.

# L-IMMIGRAZZJONI U L-AŻIL FIL-MEZZI TAX-XANDIR

**Ħin: 45 min.**

**Kull età**

**Għanijiet**
- Sabiex juru li fiehmu kif iħarsu lejn l-Ewropa l-immigranti u r-refuġjati
- Sabiex janalizzaw b'mod kritiku dak li jisimgħu u jaqraw fil-mezzi tax-xandir dwar ir-refuġjati u l-immigranti

**Riżorsi meħtieġa**
- Siltiet meħudin mid-DVD

## FAŻI 1

*Staqsi dawn il-mistoqsijiet lill-istudenti:*

*1. Kif tidher l-Ewropa u kif titqabbel mal-bqija tad-dinja? Aħseb fil-mezzi tax-xandir, fit-turiżmu, fit-televiżjoni u fir-reklamar. (jekk ikollok ħin, itlob lill-istudenti jagħmlu riċerka dwar dan).*

*2. L-immigranti jħarsu lejn l-Ewropa bħala xi 'El Dorado' jew inkella bħala xi 'Ewropa fortizza'? X'jistgħu jfissru dawn it-termini? (Jekk ikollok ħin, ħalli lill-istudenti jagħmlu riċerka dwar dan).*

**Xi termini użati spiss fuq il-mezzi tax-xandir:**
Bl-Ispanjol El Dorado tfisser 'imdiehba'. Dan it-terminu ġej mill-mitoloġija Indjana tal-Amerka ta' Isfel li titkellem dwar belt leġġendarja mdiehba. Il-kolonizzaturi Spanjoli użaw għall-ewwel darba dan it-terminu huma u jippruvaw isibu din il-belt mitika flimkien mal-ġid mistħajjel tagħha. Illum il-ġurnata, dan it-terminu jintuża l-aktar biex jiddeskrivi post mitiku fejn il-fortuna u l-ġid jinsabu bix-xaba'.

It-terminu Ewropa fortizza jirreferi għall-kontroll dejjem akbar tal-fruntieri Ewropej bl-għan li jonqos id-dħul ta' immigranti.

*3. X'inhu li jiġbed l-immigranti u r-refuġjati lejn l-Ewropa?*

*Itlob lill-istudenti sabiex l-ewwel jaħsbu dwar xi fatturi li jġiegħlu lill-immigranti u r-refuġjati jitilqu minn pajjiżhom u wara itlobhom jaħsbu f'dawk il-fatturi li jiġbduhom lejn l-Ewropa.*

*Hawn taħt għandek lista ta' fatturi li jiġbdu l-immigranti lejn l-Ewropa. Tista' żżid oħrajn u tispjega xi jfissru lill-istudenti.*

*L-istudenti jridu jifissru għala kull wieħed minn dawn il-fatturi jista' jwassal biex jinġibdu l-immigranti lejn l-Ewropa jew inkella jista' jitqies meħtieġ għall-ħarsien tar-refuġjati. Iridu wkoll jispjegaw il-kummenti li jgħaddu: din fejn qrajtuha? Dan hu dak li jgħidu n-nies b'mod ġenerali? Din l-esperjenza għexuha huma stess? Dan jafuh bis-saħħa ta' xi ħadd li ltaqgħu miegħu? U l-bqija.*

| | |
|---|---|
| demokrazija | edukazzjoni |
| livelli għoljin ta' għajxien | żwieġ |
| paċi | sigurtà |
| kura tas-saħħa | opportunitajiet ta' karriera |
| drittijiet indaqs | studji |
| drittijiet tal-bniedem | |

## FAŻI 2 KITBA TA' AĦBARIJIET (30 min.)

*Uri l-filmat qasir (2 min.) li hemm fid-DVD. Il-filmat juri sensiela ta' ritratti (mingħajr kumment) ta' immigranti u refuġjati għajjiena mejta wara li waslu fil-gżira ta' Lampedusa, waħda mill-aktar fruntieri fin-naħa ta' isfel tal-Ewropa fuq dgħajsa ċkejkna.*

*Aqsam il-klassi fi tliet gruppi: Itlob lil kull grupp jikteb kummentarju li jmur mal-filmat bir-ritratti li ntwera.*

*Erġa' uri l-filmat bir-ritratti waqt li qegħdin jiktbu l-kummentarji tagħhom. Kull grupp għandu jingħata stil partikolari ta' kitba.*

- *artiklu minn ġurnalist li baqa' xxukkjat bis-sitwazzjoni inumana li qed jara*
- *artiklu minn ġurnalist li jħossu ostili lejn nies li ġejjin minn art barranija*
- *artiklu minn ġurnalist li qed jikkummenta dwar il-fatti billi jipprova jkun imparzjali u billi jagħti l-istampa sħiħa.*

*Għaddi l-punti li ġejjin jew aqrahom biex tkun tista' tgħinhom jiktbu l-kummentarji tagħhom.*

- *Minkejja li l-għadd ta' immigranti irregolari u refuġjati li jaslu bil-baħar qiegħed dejjem jiżdied (l-istimi ta' bħalissa jvarjaw minn 20 sa 50 elf immigrant ġdid fis-sena), dan jirrappreżenta biss parti żgħira mit-total sħiħ ta' immigranti fl-Ewropa.*
- *Ħafna refuġjati u immigranti irregolari jaslu wkoll fl-Ewropa mill-fruntieri tan-naħa tal-Lvant tal-UE.*
- *Madanakollu, il-biċċa l-kbira tal-immigranti irregolari fl-UE fil-fatt jidħlu b'mod legali u jibqgħu jgħixu hawn wara li tiskadilhom il-viża.*

*Malli jinkiteb il-kummentarju, xi ħadd minn kull grupp irid jaqrah quddiem il-bqija tal-klassi u jekk jista' jkun waqt li qed jintwerew ir-ritratti.*

## FAŻI 3 GĦELUQ

*Iddiskuti mal-grupp il-punt li avolja r-ritratti huma l-istess, il-kummentarji jvarjaw bil-bosta. Fissrilhom kif l-istess ħaġa tista' tħares lejha b'ħafna modi differenti skont nies differenti u li dak li naraw u li nisimgħu fuq il-mezzi tax-xandir ħafna drabi jkun aktar suġġettiv milli fatt fih innifsu.*

*Iddiskuti wkoll x'intqal u x'termini ntużaw fil-kummentarji. Jekk jista' jkun, ipprova ifli liema kliem intuża vis-à-vis r-ritratti murija. X'tip ta' interpretazzjoni qed jagħtu? B'liema mod ir-rabta li hemm bejn il-kliem u r-ritratti tinfluwenza l-ħsibijiet, opinjonijiet u l-perċezzjonijiet tagħna dwar l-immigrazzjoni u l-ażil fuq il-mezzi tax-xandir?*

**Xogħol għad-dar**

Sib artiklu minn gazzetta dwar l-immigrazzjoni u l-ażil u itlob lill-istudenti janalizzaw u jiddiskutu l-lingwa mħaddma.

# IT-TRAFFIKAR U L-KUNTRABANDU

**Ħin: 45 min.**

**Età 15 - 18**

**Attenzjoni:** *Dan it-taħriġ fih materjal sensittiv.*

**Għanijiet**

*- Sabiex jifhmu r-riskji li jħabbtu wiċċhom magħhom l-immigranti u r-refuġjati huma u jippruvaw isibu ħajja aħjar jew sigurtà.*

*- Sabiex jitkellmu dwar il-beżgħat, il-perikli u l-esplojtazzjoni involuti waqt it-traffikar u l-kuntrabandu.*

*- Sabiex jifhmu d-differenza bejn it-traffikar u l-kuntrabandu.*

**Riżorsi meħtieġa**

*- DVD player ma' televixin jew kompjuter jew projector u skrin.*

## FAŻI 1 ID-DIFFERENZA BEJN IL-KUNTRABANDU U T-TRAFFIKAR

*Ibda billi titlob lill-istudenti jgħidulek fi kliemhom x'inhi d-differenza bejn traffikar u kuntrabandu.*

Wara fisser l-kunċetti billi tirreferi għad-daħla, għad-Definizzjonijiet Ewlenin u għad-dijagramm li ġej:




Trid tfissrilhom ukoll li mhux kull min jgħinhom jaqsmu l-fruntieri jitqies 'kuntrabandist'. Xi wħud jgħinu lill-immigranti u lir-refuġjati jaqsmu l-fruntieri għal raġunijiet umanitarji: ngħidu aħna biex jgħinuhom jaslu f'post sigur jew xi mkien fejn jistgħu jsibu l-għajnuna li jkollhom bżonn. Nies li mhumiex qed jippruvaw jagħmlu l-qligħ m'għandhomx jitqiesu bħala 'kuntrabandisti'.

## FAŻI 2 IX-XHIEDA TA' MANDY

*Itlob lil xi ħadd fil-klassi sabiex jaqra l-artiklu li ġej: ix-xhieda ta' mara ta' 19-il sena mill-Kamerun.*

**Jekk jogħġbok aqra l-artiklu inti l-ewwel biex tevita li tgħaddih lil xi ħadd li jaf iħossu skomdu jaqrah.**

*Iva, issa nħossni komda li nitkellem, għall-inqas xi ftit, dwar dak li seħħ. Mhijiex faċli għalija imma l-istorja tiegħi taf tgħin tassew lil ħaddieħor, għallinqas hekk nittama.*

*Iltaqjt ma' daż-żagħżugħ, Patrick, fuq l-Internet fl-2000. Dak iż-żmien kelli 19-il sena. Ħabiba tiegħi qaltli li zijuha kien fetaħ cybercafe u hemmhekk kien jaħdem xi ħadd li kien jgħin tfajliet żgħażagħ jiżżewġu rġiel bojod, tassew.*

*Kien hekk li ltqajt ma' Patrick. Erba' xhur wara ġie biex jiltaqa' mal-familja tiegħi għall-ewwel darba. Mar lura pajjiżu għal xahrejn u wara reġa' ġie lura biex jiżżewwiġni. Mort il-Kunsill Lokali u l-ambaxxata biex napplika għad-dokumenti meħtieġa biex inkun nista' nsiefer. Tliet xhur wara, hekk kif ingħatajt il-viża, tlaqna flimkien minn pajjiżi. Għall-ewwel, kollox kien jidher miexi ħarir. Kollox kien ġdid għalija. Kienet l-ewwel żjara tiegħi fl-Ewropa.*

*Wasalna f'dar mill-isbaħ. Qalli li dakinhar filgħaxija kienu se jiġu għandna xi ħbieb għal festin, imma l-aktar biex jiltaqgħu miegħi. Dakinhar stess kien ħadli l-passaport bl-iskuża li kellu jibda xi proċeduri biex b'hekk stajt ningħata d-dritt ta' residenza.*

*Ma kontx qed nifhem x'kien għaddej dakinhar filgħaxija. Daħħluni f'kamra. Ma kont naf lil ħadd. Kont għadni qed noħlom li kont se nqatta' lejla mill-isbaħ dakinhar. Imma, matul dik l-ewwel lejla d-"dar", spiċċajt abbużata minn bosta rġiel u nisa; li lanqas biss naf kemm kienu b'kollox.*

*Beda ħiereġ id-demm u ħassejtni mfarrka. Bdejt nolfoq id-dmugħ kollu li kelli miġmugħ ġewwa fija, imma dan kien għadu mhu xejn ħdejn dak li kien għad fadalli ngarrab. Żammewni priġuniera, ma stajtx noħroġ. Ma stajtx naħrab minn dan l-abbuż sesswali. In-nies kienu jħallsu lil min ħatafni u meta ma kontx irrid nagħmel dak li riedu l-klijenti tagħhom, kienu jagħtuni bil-frosta. B'liema dritt setgħu jagħmlu dan? Kienu qishom bhejjem. B'liema dritt? Dan dam għaddej 9 xhur. Kienu jagħmluli l-għassa lejl u nhar.*

*Darba fost l-oħrajn kont f'restorant. Smajt lil xi nies jitkellmu bl-Ewondo, id-djalett tiegħi. Kienu mill-Kamerun! L-għassiesa li kienu miegħi ma qagħdux jagħtu kas ta' x'qed ngħid jien u nkanta kanzunetta bid-djalett tiegħi. Bis-saħħa ta' hekk stajt ngħid lin-nies li kienu fir-restorant dwar is-sitwazzjoni li kont fiha qabel ma jeħduni lura fid-dar.*

*Ġimagħtejn wara smajt is-sireni tal-pulizija barra fit-triq. Bdejt nibki u nwerżaq qisni miġnuna. Wara dan kollu, niftakarni biss nistenbaħ u nsib ruħi l-isptar. Aktar tard beda ġuri. Permezz ta' dan kollu, żewġ tfajliet oħrajn, li wkoll kienu mġiegħla jaħdmu fil-prostituzzjoni, inħelsu. Il-Kameronjani li salvawli ħajti, ħadu ħsiebi u għenuni niġi f'tiegħi.*[5]

*Ħalli lill-istudenti jirreaġixxu u jikkumentaw dwar din l-istorja diffiċli u fissrilhom fil-qosor x'jiġifieri esplojtazzjoni*



[5] Verżjoni mqassra ta' 'Ix-xhieda ta' Mandy' mill-film/dokumentarju NordSud.com ta' Francois Ducat, 2008



## FAŻI 3 IX-XHIEDA TA' REAN

*Uri l-filmat bil-każ ta' Rean fejn tiddiskuti l-vjaġġ tagħha lejn l-Ewropa.* Dan il-filmat jinsab fid-DVD fil-menù tat-taqsima 'It-Traffikar u l-Kuntrabandu'.

*Wara li turi l-filmat itlob lill-istudenti jfissrulek liema miż-żewġ eżempji (ta' Mandy jew ta' Rean) huwa dwar traffikar u liema wieħed hu dwar kuntrabandu.*

## FAŻI 4 EMOZZJONIJIET ĠEWWIENA

*Uri lill-klassi ż-żewġ ritratti maħsuba għal dan it-taħriġ (ritratt ta' trakk b'nies moħbijin fuq ġewwa u ieħor b'dgħajsa mbullata sa ruħ ommha b'immigranti u refuġjati).*

*Spjegalhom li ma tistax tgħid mir-ritratti jekk għandniex quddiemna sitwazzjoni ta' traffikar, ta' kuntrabandu jew sempliċiment ta' għajnuna li qed tingħata għal raġunijiet umanitarji. Huma biss l-istejjer reali li jistgħu jgħidulna dan ...*

*Fissrilhom ukoll li ħafna nies jaqsmu l-fruntieri b'anqas problemi (billi jużaw dokumenti foloz jew viża maħruġa għat-turisti imma li meta jiskadulhom ma jitilqux). Imma f'dawn is-sitwazzjonijiet kollha, l-immigranti irregolari huma vulnerabbli u jistgħu jsibu ruħhom fil-periklu.*

*Itlob lill-istudenti jinqasmu fi gruppi u jiktbu deskrizzjoni qasira dwar kif kienu jħossuhom kieku kienu wieħed mill-immigranti jew mir-refuġjati fir-ritratti. Fil-kitba tagħhom iridu jużaw il-kelmiet biża', esplojtazzjoni u periklu. Jistgħu jagħżlu li jiktbu d-deskrizzjonijiet tagħhom bejniethom jew waħedhom.*

*Itlob lil xi studenti jaqraw il-kitba tagħhom quddiem sħabhom tal-klassi. L-istudenti l-oħrajn iridu jiddiskutu dawn il-kitbiet.*



©APF



©UNHCR / L. Boldrini

# KUNTATTI

International Organisation for Migration (IOM)
*www.iom.int*
Rue Montoyer 40
1000 Brussels
Belgium

United Nations High Commissioner for Refugees (UNHCR)
*www.unhcr.org*
Rue van Eyck 11b
1050 Brussels
Belgium

| | |
|---|---|
| *European Commission* | *http://ec.europa.eu* |
| *European Parliament* | *http://www.europarl.europa.eu* |
| *ICRC - International Committee of the Red Cross* | *http://www.icrc.org* |
| *Council of Europe* | *http://www.coe.int* |
| *UN* | *http://www.un.org* |
| *European Youth Forum* | *http://www.youthforum.org* |
| *European Youth Portal* | *http://europa.eu/youth* |
| *Against all Odds: educational game about refugees* | *http://www.playagainstallodds.com/* |
| *JRS* | *www.jrs.net* |
| *December 18th* | *http://www.december18.net* |
| *Human Rights Watch* | *http://hrw.org* |
| *Amnesty International* | *http://www.amnesty.org* |
| *Migrants Rights International* | *http://www.migrantwatch.org* |
| *Platform for International Cooperation on Undocumented Migrants* | *http://www.picum.org* |
| *European Council on Refugees and Exiles* | *http://www.ecre.org* |
| *Refugee Education Trust* | *http://www.r-e-t.com* |
| *Eurasylum* | *http://www.eurasylum.org* |
| *MPG - Migration Policy Group* | *http://www.migpolgroup.com* |
| *Migration Policy Institute* | *http://www.migrationpolicy.org* |
| *Forced Migration Online* | *http://www.forcedmigration.org* |

| | |
|---|---|
| **Belgique/België** | |
| Centre d'égalité des chances | www.diversite.be |
| Centrum voor gelijkheid van kansen en voor racismebestrijding | www.diversiteit.be |
| Commissariat général aux refugiés et aux apatrides | www.cgra.org |
| Commissariaat generaal voor de Vluchteligen en de Staatlozen | www.cgvs.be |
| FEDASIL | www.fedasil.be |
| **Ceska republicka** | |
| Sdružení pro integraci a migraci | http://www.uprchlici.cz/ |
| OPU | www.opu.cz |
| SOZE | www.soze.cz |
| Ministerstvo vnitra Česke Republicky | www.mvcr.cz |
| **Deutschland** | |
| Bundesamt für Migration und Flüchtlinge | www.bamf.de |
| Zuwanderung | www.zuwanderung.de |
| Das Integrationsportal | www.integration-in-deutschland.de |
| **Eesti** | |
| Kodakondsus- ja Migrastiooniamet | www.mig.ee |
| Eesti Migratsioonifond | www.migfond.ee |
| Inimkaubanduse ennetamine: metodologia tööks noortega | http://iom.fi/content/view/35/47/#Prevention_2005 |
| Käsikäes: Pagulaste ja varjupaigataotlejate laste integreerimine Eesti haridussüsteemi | http://www.meis.ee/est/raamatukogu/?view=view&ID=178 |
| **Ελλάδα** | |
| Ινστιτούτο Μεταναστευτικής Πολιτικής | www.imepo.gr |
| UN Greece | www.ungreece.org |
| **España** | |
| Comisión española de Ayuda al Refugiado | www.cear.es |
| Ministerio de Trabajo e Inmigración | www.mtin.es |
| Ministerio de Interior | www.mir.es |
| **France** | |
| Ministère de l'immigration, de l'intégration, de l'identité nationale et du développement solidaire | http://www.immigration.gouv.fr |
| Office français pour la protection des refugiés et des apatrides | http://www.ofpra.gouv.fr/index.html |
| **Ireland/Eire** | |
| National Action Plan Against Racism | http://www.diversityireland.ie/ |
| Forum on Migration and Communication | http://www.fomacs.org |
| **Italia** | |
| Ministero dell'Interno | www.interno.it |
| Consiglio Italiano per i Rifugiati | www.cir-onlus.org |
| **Κύπρος** | |
| Υπηρεσίας Ασύλου | http://www.moi.gov.cy/MOI/asylum/Asylum.nsf/DMLindex_gr/DMLindex_gr?OpenDocument |
| **Latvija** | |
| Pilsonības un migrācijas lietu pārvalde | www.pmlp.gov.lv |
| Latvijas valsts mājas lapa par bēgļu lietām | www.refugees.lv |

### Lietuva

| | |
|---|---|
| Darbaz | www.darbaz.lt |
| Migracijos Informacijos Centras | www.iom.lt/infocentras |

### Luxembourg

| | |
|---|---|
| Ministère des Affaires Etrangères et de l'Immigration | http://www.mae.lu |

### Magyarország

| | |
|---|---|
| Bevándorlási és Állampolgársági Hivatal (BÁH) | http://www.bmbah.hu/ |
| Menedék Migránsokat Segítő Egyeseület | http://menedek.hu/ |
| IOM Közép- és Délkelet-Európai Regionális Képviselete: | www.iom.hu |
| ENSZ Menekültügyi Főbiztosság Közép-Európai Regionális Képviselete: | www.unhcr.hu |

### Malta

| | |
|---|---|
| Koperazzjoni Internazzjonali | www.kopin.org |
| People for change Malta | http://www.pfcmalta.org/ |
| | http://www.pfcmalta.org/teachtheworld.html |

### Nederland

| | |
|---|---|
| VluchtelingenWerk Nederland | www.vluchtelingenwerk.nl |
| Centraal Orgaan opvang asielzoekers | www.coa.nl |

### Österreich

| | |
|---|---|
| Nationaler Kontaktpunkt Österreich im Europäischen Migrationsnetzwerk | www.emn.at |
| Beratungszentrum für Migranten und Migrantinnen | http://www.migrant.at |

### Polska

| | |
|---|---|
| Polskie Forum Migracyjne | http://www.forummigracyjne.org/pl/index.php |
| Polacy za granicą, cudzoziemcy w Polsce | http://www.migracje.gov.pl/ |

### Portugal

| | |
|---|---|
| Ministério da Administração Interna | http://www.mai.gov.pt/ |
| Alto Comissariado para a Imigração e Diálogo Intercultural | http://www.acidi.gov.pt/ |

### Slovenija

| | |
|---|---|
| Slovenska filantropija | http://www.filantropija.org/ |
| Ministrstvo za notranje zadeve | http://www.mnz.gov.si/si/delovna_podrocja/upravno_notranje_zadeve/ |

### Suomi

| | |
|---|---|
| Suomen Pakolaisapu | www.pakolaisapu.fi |
| Pakolaisneuvonta ry | www.pakolaisneuvonta.fi |

### Slovensko

| | |
|---|---|
| Migračné informačné centrum IOM | www.mic.iom.sk |
| Liga za ľudské práva | www.hrl.sk |

### Sverige

| | |
|---|---|
| Webbsida rörande migration | www.migrationsverket.se |
| Regeringens webbsida om asyl | www.regeringen.se |
| UNHCRs webbaserade upplevelse - och kunskapsspel om flyktingar | www.motallaodds.org |

### United Kingdom

| | |
|---|---|
| UK Borders Agency | http://www.bia.homeoffice.gov.uk/ |
| Refugee Council UK | http://www.refugeecouncil.org.uk |
| IOM UK office | www.iomuk.org |


EMBASSY OF INDIA
09 29 03
2-08-87



REPUBLIC OF IRAN
CONSULATE GENERAL OF THE ISLAMIC REPUBLIC OF IRAN
EMBASSY OF INDIA
VISA
09 29 03
Brazil
2007
VISITOR
MAR 11.2004
TAIPEI
IMMIGRATION OFFICER
11 AUG 1977